QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 31 TA' MEJJU 2002

Avviz Nru 1403/00DM

Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Company kif surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu Michael Attard u l-istess Michael Attard

vs

Stefan Abdilla

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' mitejn u erbgha w sebghin lira Maltija u hmistax il-centezmi (Lm274.15), liema ammont jikkonsisti f'mitejn u tlieta u tletin lira Maltija u hames centezmi (Lm233.05) bhala danni kagunati lill-vettura BBI 902, hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) bhala excess imhallas mill-attur Michael Attard, kif ukoll ghal sittax il-lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm16.10) dovuti bhala Survey Fees, in linea ta' danni kagunati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara fi Triq Tarxien, Gudja fit-2 ta' Dicembru 1999, meta l-konvenut hareg minn side road ghall-fuq l-imsemmija triq principali bil-vettura ossia Mini Bus Nru GMY-018 propjeta ta' Orazio sive Horace Spiteri, u kkaguna incident mal-vettura Nru BBI-902 proprjeta ta' Michael Attard u misjuqa mill-istess Michael Attard li kienet ghaddejja fid-dritt taghha fl-imsemmija triq – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' 12 ta' Settembru 2000, u dawk tal-ittra ufficjali presentat kontestwalment mal-prezenti att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl –imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas- subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Stefan Abdilla fejn eccepixxa illi:

1 It-talba tal-atturi ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx htija tal-eccipjent, izda gara unikament tort tal-attur Michael Attard innifsu, li ghalkemm kien ghaddej minn triq principali, fil-fatt kien qed isuq fin-naha hazina tat-triq, bil-hsieb li jidhol fit-triq laterali li minnha kien hiereg l-eccipjent;

2 Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-unika prova illi pprezentaw l-atturi ghal dak li jirrigwarda responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni kien ir-rapport maghmul mill-ufficjal tal-Pulizija li investiga l-kaz flimkien mall-isketch ta' kif spiccaw il-vetturi.

L-attur stess, Michael Attard, ma offriex id-deposizzjoni tieghu biex jispjega ghaliex qieghed jippretendi illi l-konvenut ghandhu jkun ritenut responsabbli ghall-incident.

Min-naha tieghu pero, il-konvenut xehed u ddikjara illi l-kollizzjoni grat meta huwa kien lahaq hareg got-triq principali u billi kien ra li l-konvenut kien aljenat u gej fuq in-naha hazina tat-triq, kien waqaf, ipprova jattira l-attenzjoni tal-attur billi jdoqq il-horn izda l-attur ma hax azzjoni evaziva fil-pront u baqa' diehel gol-vettura misjuqa mill-konvenut. L-isketch esibit mill-istess atturi jikkorrobora din il-verzjoni moghtija mill-konvenut.

Ghaldaqstant minn dawn il-provi definitivament ma jirrizultax illi l-atturi waslu ghall prova li l-konvenut setgha kien responsabbli ghall kollizzjoni in kwistjoni, ghaldaqstant tichad it-talba tal-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg Civ36